**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 1069/2014**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Spagnol)**

**vs**

**BRANDON BARTOLO**
**(ID: 363190M)**

**Illum, 21 ta' Frar 2019**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **BRANDON BARTOLO** detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru: 363190M, tressaq quddiemha akkuzat talli fil-15 ta' Luju 2012, ghall-habta ta' 22:15 hrs gewwa Triq tal-Balal, San Gwann:

1. Saq jew ipprova jsuq jew kellhu kontroll tal-mutur tal-nru. FAR-806 fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

2. Saq l-istess mutur minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji ta' terzi persuni;

3. Minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta jew minghajr licenzja tas-sewqan specifikata ghal dik il-vettura.

4. U talli saq l-istes vettura minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta biex tintuza fit-triq.

5. Saq l-istess vettura b'manjiera (a) traskurata (b) perikoluza (c) u bla kont.

6. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Lee Camilleri skond kif iccertifikat Dr. Agnes Portelli M.D Reg 2863 mill-M.D.H.

Rat illi fl-udjenza tat-30 ta' Ottubru 2014 quddiem din il-Qorti diversament preseduta, irrizulta illi f'kaz ta' htija ghall-akkuzi dedotti kontra l-imputat, il-piena tezorbita mill-kompetenza tal-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u ghalhekk, filwaqt illi dik il-Qorti astjeniet milli tiehu iktar konjizzjoni tal-kawza, ordnat illi l-atti jintbaghtu lir-Registratur tal-Qrati Kriminali sabiex tigi assenjata lill-Qorti kompetenti;

Rat illi permezz ta' digriet ta' assenjazzjoni moghti mis-S.T.O il-Prim'Imhallef, din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2019, l-Ufficjal Prosekutur qara u halef l-akkuzi bil-gurament u sar l-ezami tal-imputat li wiegeb li mhux hati;

Rat illi sussegwentement, fl-udjenza tal-14 ta' Frar 2019, l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Rat illi l-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, meta wissiet lil-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu, spjegat l-imputazzjonijiet li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli ghal kull wahda, u ssospendiet is-seduta biex taghti zmien lill-imputat biex jahseb sew dwar din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu;

Rat illi minkejja dan, l-imputat fuq mistoqsija tal-Qorti iddikjara li ma ghandux bzonn iktar hin biex jikkontempla l-ammissjoni tieghu u kkonferma l-istess ammissjoni;

Semghet ix-xhieda ta' Lee Camilleri;

Rat il-provi u l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat, fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2019, ammetta ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant, in vista ta' din l-ammissjoni li del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) u 453(1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat gew debitament ippruvati u b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tal-istess imputazzjonijiet.

Ghall-fini tal-piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti fuq dikjarazzjoni ta' htija tal-imputat, il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni. Qabel xejn, tibda billi tosserva illi dan il-kaz imur lura ghax-xahar ta' Lulju tas-sena 2012, izda ghalkemm l-imputat tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali mixli bl-imputazzjonijiet odjerni f'Jannar 2013, il-kumpilazzjoni bdiet titmexxa 'l quddiem biss fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2019, meta l-Qorti finalment semghet bil-gurament ir-rapport tal-Ufficjal Prosekutur u sar l-ezami tal-imputat. Dan ifisser li fuq medda ta' ben **sitt snin shah**, ma sar ebda progress kwalsiasi f'dawn il-proceduri, haga li l-Qorti tiddeplora ghal ragunijiet ovvji.

Il-Qorti qieset ukoll illi l-imputat gie mixli u bl-ammissjoni tieghu, qed jinsab hati ta' diversi vjolazzjonijiet taht l-Ordinanza tat-Traffiku (Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta) u taht l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kapitolu 104), kif ukoll tal-imputazzjoni li kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Lee Camilleri bi ksur tal-Artikolu 226 tal-Kodici Kriminali.

Mill-atti jirrizulta illi l-imputazzjonijiet jirreferu ghal incident awtomobilistiku li sehh meta fil-15 ta' Lulju 2012, l-imputat kien qed isuq il-mutur bin-numru ta' registrazzjoni FAR-806 li ma kienx licenzjat biex jintuza fit-triq, minghajr l-

imputat ma kellu licenzja tas-sewqan u minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. L-imputat gie mixli wkoll illi saq l-imsemmi mutur f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi, b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont u kif ukoll li involontarjament ikkaguna griehi gravi fuq il-persuna tal-passiggier tieghu fuq il-mutur, Lee Camilleri.

Kwantu **ghas-sitt imputazzjoni** li tikkoncerna d-delitt l-iktar gravi, il-Qorti wara li semghet lill-imsemmi Lee Camilleri jixhed[1], hija tal-fehma illi l-griehi li huwa garrab fl-incident bil-mutur fejn kien qed isuq l-imputat - ghalkemm mic-certifikat mediku datat 16 ta' Lulju 2012[2] jirrizulta dawn kienu gravi billi kienu jikkonsistu f'*multiple lacerated contused wounds* f'wiccu – ma humiex griehi ta' natura gravi fis-sens imfisser mill-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9. Ix-xhud ikkonferma illi llum, cioe` kwazi seba' snin wara l-incident, il-griehi li kien soffra ma hallew ebda konsegwenzi u fi kliemu stess, ghandu "marki biss". S'intendi, billi fic-certifikat mediku fuq imsemmi u fid-depozizzjoni tal-imsemmi xhud, jissemmew biss feriti fuq il-wicc, il-Qorti tifhem illi l-marki li ghalihom irrefera x-xhud huma marki fuq wiccu. Dawn il-feriti, fil-fehma tal-Qorti, galadarba jinsabu fuq il-wicc u wara kwazi seba' snin hallew marki, ghandhom jitqiesu bhala sfregju fil-wicc u kwindi bhala feriti ta' natura gravi ghall-fini tal-Artikolu 216(1)(b) u mhux bhala feriti ta' natura hafifa skont l-Artikolu 226(1)(c). Izda, bl-ebda mod ma jirrizulta, u effettivament ma tressqu ebda provi biex juru, illi dawn il-marki jikkonsisti fi sfregju gravi fil-wicc skont kif inhuwa mehtieg biex tinsab htija taht l-Artikolu 226(1)(a).

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni tal-imputat, liema ammissjoni saret fi stadju pjuttost bikri tal-kumpilazzjoni wara li din kienet finalment bdiet tinstema', il-Qorti ser issibu hati tas-sitt imputazzjoni cioe` illi kkaguna griehi gravi fuq il-

[1] Seduta tal-24 ta' Jannar 2019.
[2] A fol. 8.

persuna ta' Lee Camilleri, ghall-fini biss tal-Artikolu 226(1)(b). Il-piena fuq sejbien ta' htija ghar-reat ta' offiza involontarja fuq il-persuna a tenur tal-Artikolu 226(1)(b), hija ta' prigunerija ghal zmien li ma jeccedix sitt xhur jew il-multa ta' mhux izjed minn €2,329.37. Izda fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, mehud qies tal-fatt illi (i) l-parti leza Lee Camilleri ddikjara li ma ghandux interess iktar fil-kaz u l-feriti minnu mgarrba fl-incident mertu ta' dawn il-proceduri ma jidhrix li hallew konsegwenzi serji, (ii) ghaddew sitt snin u nofs mill-incident u (iii) sejra tinsab htija ghar-reati kollha l-ohra migjuba kontra l-imputat li jgibu maghhom ukoll sanzjonijiet tassattivi, il-Qorti, fil-qies tac-cirkostanzi l-ohra kollha tal-kaz, inkluza x-xorta involontarja tar-reat u l-fatt illi lanqas ma ngiebet ebda prova illi l-imputat ghandu kondotta hazina, hija tal-fehma li ma jkunx spedjenti li twahhal piena. Izda, tqis li minflok, ghandha taghmel ordni li biha tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul il-perijodu ta' tliet snin.

Kwantu ghat-**tieni imputazzjoni** dwar il-ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qed issib lill-imputat hati talli uza l-vettura FAR-806 fit-triq minghajr ma kien hemm fis-sehh fuq dik il-vettura polza ta' assikurazzjoni valida dwar ir-riskji ta' terzi persuni. Billi l-Qorti tqis illi l-piena ta' prigunerija f'dan il-kaz mhijiex xierqa, izda l-ligi fl-Artikolu 3(2B) tal-istess Kapitolu 104 tipprovdi illi d-dispozizzjonijiet *inter alia* tal-Kapitolu 446 ma japplikawx fil-kaz ta' xi reat kontra l-imsemmi Artikolu 3, sejra tinfliggi l-piena tal-hlas tal-multa ghas-sejbien ta' htija ghar-reat taht l-Artikolu 3(1). Inoltre, billi ma hemmx prova li din ma kienetx l-ewwel reat li l-imputat qed jinsab hati tieghu, il-Qorti sejra wkoll tapplika l-multa prevista fl-Artikolu 3(2)(a) u dan fil-*minimum* taghha cioe` fis-somma ta' €2,329.37, oltre ghall-iskwalifika kontemplata fis-subinciz (2A) tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104.

Kwantu ghall-**ewwel imputazzjoni** migjuba fil-konfront tal-imputat, liema imputazzjoni hija msejsa fuq ksur tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 65, kif ukoll kwantu ghall-bqija tal-imputazzjonijiet cioe` it-**tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet** ilkoll ibbazati fuq ksur tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tal-imputat il-Qorti ma ghandha ebda ghazla hlief issib lill-imputat hati u sejra tikkundannah ghall-hlas ta' multa komplessiva kalibrata skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kapitolu 9, u dan wara li qieset illi r-reat fit-tieni imputazzjoni taht il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa r-reat li ghalih hemm l-oghla piena pekunjarja.

Riferibbilment ghar-reat kontemplat fil-hames imputazzjoni li jinkwadra taht l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65, il-Qorti tqis li ghall-fini tal-iskwalifika mil-licenzja taht l-Artikolu 15(2), ma hemm ebda prova kwalsiasi in atti li juru li l-imputat kien qieghed isuq bi traksuragni kbira jew b'mod perikoluz. Konsegwentement, fuq ammissjoni tieghu, kwantu ghall-hames imputazzjoni il-Qorti sejra ssib lill-imputat hati li kien qed isuq b'mod traskurat, u tqis illi ghall-imsemmija hames imputazzjonijiet ghandha tikkundanna lill-imputat, oltre ghall-hlas tal-multa, ghall-iskwalifika tassattiva taht is-subinciz (2) tal-Artikolu 15, u mhux taht is-subinciz (3).

Ferm dawn il-konsiderazzjonijiet appena maghmula u applikati d-dispozizzjonijiet relevanti fuq citati, oltre ghall-ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata ghas-sejbien ta' htija ghas-sitt imputazzjoni, il-piena komplessiva li sejra tigi erogata fil-konfront tal-imputat ghat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames akkuzi li taghhom qed jinsab hati, huwa ta' multa komplessiva fis-somma ta' €3,300. Kwantu ghall-iskwalifika tassattiva milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan, in segwitu ghas-sejbien ta' htija ghall-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjoni, il-Qorti hija tal-fehma illi din l-iskwalifika ghandha tkun ghal zmien komplessiv ta' dsatax (19)-il xahar.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 17(f) u l-Artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a), 15(3), 15A, 15H(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 3(1) u 3(2)(a), 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni l-Qorti ssib lil BRANDON BARTOLO hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u tikkundannah, kwantu ghall-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjoni ghall-hlas tal-multa fis-somma komplessiva ta' tliet elef u tlett mitt Euro (€3,300) li ghandha tithallas sa zmien sena mil-lum, filwaqt illi kwantu ghas-sitt imputazzjoni wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul perijodu ta' tliet (3) snin mil-lum. Kwantu ghall-imputazzjonijiet kollha hlief ghas-sitt imputazzjoni, tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien komplessiv ta' dsatax (19)-il xahar.**

**Il-Qorti fissret lill-hati bi kliem li jiftiehem sew li jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.**

**Il-Qorti qieghda tordna li l-atti tal-proceduri kif ukoll kopja ta' din is-sentenza, jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem tax-xoghol.**

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**